# IŻJED MILL-GĦOLI

Ta' DUN FRANS CAMILLERI

B'ħarstu saltnija,
wieqaf fuq l-għolja, mkabbar,
jittawwal il-palazz 'l isfel madwaru
fuq id-djar imbiegħda,
li jara hekk ċkejknin,
u fuq kull għorfa fqajra
tkaxkar ma' l-art, tistenna r-riħ isuqha
sakemm tintemm fix-xejn.

* * *

B'ħarsti ferħana,
mill-għoli, bejn is-sħab,
ilmaħt mill-ajruplan, xi ftit imbeżża',
Londra, Pariġi u Ruma.
Rajt il-palazzi kbar li jsaħħru d-dinja
hekk ċkejkna li stħajjilthom
djar tal-kartun li ħdimt meta kont tfajjel
jew kastelli żgħar f'xifer ix-xtajta
li jibnu t-tfal bir-ramel
u jdubu hekk fix-xejn ma' l-ewwel mewġa.

* * *

B'ħarstu ħanina,
mill-iżjed għoli tas-smewwiet,
iħares Alla lilna lkoll, u ħsiebu
sa fl-iċken dud ta' l-art, fl-għasfur tal-bejta.
Imma jitgħaxxaq jara
mhux fejn noqogħdu aħna
— il-palazz jew l-għorfa —
iżda lilna l-bnedmin, fqajrin u għonja,
tempji ħajjin fejn iħobb jgħammar Hu.